

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Ottubru 2008****— TridonicAtco vs UASI (Intelligent Voltage Guard)**

(Kawża T-297/07) (¹)

(“*Trade mark komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Intelligent Voltage Guard — Raġuni assoluta għal rifut — Nuqqas ta’ karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94*”)

(2008/C 313/58)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: TridonicAtco GmbH & Co. KG (Dornbirn, 1-Awstrija) (rappreżentanti: l-ewwel L. Wiltschek, avukat, wara L. Wiltschek u E. Tremmel, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Poch, aġġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Awla tal-Appelli tal-UASI tal-31 ta' Mejju 2007 (Każ R 108/2007-2) dwar applikazzjoni għar-regiżazzjoni tas-sinjal figurattiv Intelligent Voltage Guard bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) TridonicActo GmbH & Co. KG hija kkundannata għal-ispejjeż.

(¹) ġu C 235, 6.10.2007.

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: E. de March, L. Flynn u G. Wilms, aġġenti, assisti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Fil-kawża T-392/03, talba għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2003, inkwantu hija tikkonċerna l-modalitajiet ta' rkupru tal-ammonti mħallsa mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għall-proġett ta' infrastruttura msejjaħ “diġa fuq il-Gibbesi”, kif ukoll tal-atti preċedenti u derivati, fil-kawża T-408/03, talba għall-annullament tal-ittra tas-6 ta' Ottubru 2003, inkwantu hija tikkonċerna l-modalitajiet ta' rkupru tal-ammonti mħallsa mill-FEŻR għall-proġetti ta' infrastruttura msejħa “Aragona Favara” u “pjanura ta’ Katanja”, kif ukoll tal-atti preċedenti u derivati, fosthom b'mod partikolari l-ittri tal-Kummissjoni tat-13 ta' Awwissu 2003 u tal-14 ta' Awwissu 2003, fil-kawża T-414/03, talba għall-annullament tal-ittra tas-6 ta' Ottubru 2003, inkwantu hija tikkonċerna l-modalitajiet ta' rkupru tal-ammonti mħallsa mill-FEŻR għall-proġett ta' infrastruttura msejjaħ “awtostrada Messina-Palermo”, kif ukoll tal-atti preċedenti u derivati, fosthom in-nota ta' debitu tal-Kummissjoni Nru 3240406591, tal-25 ta' Settembru 2002, u, fil-kawża T-435/03, talba għall-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni tal-24 ta' Ottubru 2003, relativa għat-tpaċċija bejn krediti u djun tal-Kummissjoni relatati mal-għajnejha tal-FEŻR “Porto Empedocle”, “diġa fuq il-Gibbesi”, “awtostrada Messina-Palermo”, “Aragona Favara” u “pjanura ta’ Katanja”, kif ukoll tal-atti preċedenti u derivati.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikorsi huma miċħuda bħala inammissibbli.
- 2) Ir-Regione Siciliana hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ġu C 35, 7.2.2004.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-25 ta' Settembru 2008**  
— Regione Siciliana vs Il-Kummissjoni

(Kawża magħquda T-392/03, T-408/03, T-414/03 u T-435/03) (¹)

(“*Rikors għal annullament — FEŻR — Kanċellament ta’ għajnejha finanzjarja — Irkupru tal-ammonti digħiha mħallsa — Talbiet għal-ħlas ta’ interassi moratorji — Tpaċċija — Entità regionali jew lokali — Nuqqas ta’ interess dirett — Inammissibbiltà*”)

(2008/C 313/59)

Lingwa tal-kawża: It-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Regione Siciliana (l-Italja) (rappreżentanti: G. Aiello u A. Cingolo, avvocati dello Stato)

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-8 ta' Ottubru 2008**  
— Gippini Fournier vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-23/05) (¹)

(“*Rikors għal annullament — Rikors għad-danni — Servizz pubbliku — Promozzjoni — Attribuzzjoni ta’ punti ta’ priorità — Atti li ma jistgħux jiġi kkontestati — Atti preparatorji — Inammissibbiltà*”)

(2008/C 313/60)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Éric Gippini Fournier (Brussell, il-Belġu) (rappreżentanti: inizjalment A. Theissen, u sussegwentement F. Ruggeri Laderchi, avukati)